

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2193****tat-13 ta' Diċembru 2021****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fid-dawl tal-involviment tal-Grupp Wagner, entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, fl-Ukrajna, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tliet persuni jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (3) Għalhekk l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jinżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

## ANNEX

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
201.	Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN  (Дмитрий Валерьевич УТКИН)	Pożizzjoni(jiet): Fundatur u Kmandant tal-Grupp Wagner; Kap Eżekuttiv ta' Concord Management and Consulting  Grad: Logutenent Kurunell (militar Russu) Sinjal tas-sejħa: Vagner/Wagner Data tat-twelid: 1.6.1970 jew 11.6.1970 ID tal-Grupp Wagner: M-0209 Post tat-twelid: Asbest, Sverdlovsk Oblast, ex USSR (ex Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi) (issa l-Federazzjoni Russa) Nazżjonalità: Russa Indirizz: Pskov, il-Federazzjoni Russa Ġeneru: maskil	Dimitriy Utkin, eks uffiċjal tal-intelligence militari Russa (GRU), huwa l-fundatur tal-Grupp Wagner u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet għall-iskjerament tal-merċenarji tal-Grupp Wagner fl-Ukrajna.  Fil-pożizzjoni ta' kmand tiegħu fi ħdan il-Grupp Wagner, huwa kien personalment preżenti fuq il-post tal-ġlied fl-Ukrajna billi kkoordinava u ppjana l-attivitajiet tal-membri ta' Wagner.  Minħabba l-pożizzjoni ta' kmand tiegħu, huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li dgħajfu u heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv.	13.12.2021
202.	Denis Yurievich KHARITONOV  (Денис Юрьевич ХАРИТОНОВ)	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap reġjonali tal-fergħa ta' Astrakhan tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbass; membru tad-Duma ta' Astrakhan Oblast; merċenarju tal-Grupp Wagner  Data tat-twelid: 16.3.1980 Post tat-twelid: Astrakhan Oblast, SFSR Russa Nazżjonalità: Russa Passaport: 76 2759110 Maħruġ minn MVD 30001 Data ta' skadenza: 10.3.2030 Indirizz: Il-villaġġ ta' Ilyinka, Astrakhan Oblast, il-Federazzjoni Russa Ġeneru: maskil	Denis Kharitonov huwa viċi kap reġjonali tal-fergħa ta' Astrakhan tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbass, membru tad-Duma ta' Astrakhan Oblast u merċenarju tal-Grupp Wagner.  Huwa ġġieled f'Donbas fil-battaljun separatista ta' Steppe, fejn ikkmanda platon ta' kumpless ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru portabbli. Huwa ammetta li personalment waqqa' elikopter Ukren u żewġ inġenji tal-ajru Su-25 waqt li kien qiegħed Donbas.  Huwa rċieva l-Ordni tal-Mertu tal-Federazzjoni Russa għall-Patrija. Huwa rċieva wkoll premjijiet interni tal-Grupp Wagner kif ukoll premjijiet mill-kap tal-Unjoni tal-Voluntiera ta' Donbas u eks Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) Alexander Borodai (soġġett għal miżuri restrittivi abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK). B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	13.12.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
203.	Sergey Vladimirovich SHCHERBAKOV (Сергей Владимирович ЩЕРБАКОВ)	Pożizzjoni(jiet): Impjegat freelance tal-GRU Russu u merċenarju tal-grupp Wagner Data tat-twelid: 21.7.1981 Nazjonalità: Russa Indirizz: Possibbilment: Astrakhan, Kirovskiy rayon, Raskolnikova 11 app. 5, il-Federazzjoni Russa Ġeneru: maskil	Sergey Shcherbakov huwa impjegat freelance tal-GRU Russu u merċenarju tal-Grupp Wagner. Huwa ġġieled f'Donbas għall-forzi separatisti favur ir-Russja bħala membru ta' unità militari ta' kumpless ta' missili kontra l-inġenji tal-ajru portabbli fil-battaljun separatist ta' Steppe favur ir-Russja li waqqgħu ħelikopter Ukren u żewġ inġenji tal-ajru Su-25 f'Donbas. B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	13.12.2021".